KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
CRUZ VILLALÓN
ippreżentati fl-1 ta' April 2014[1]

Kawżi C-549/12 P u C-54/13 P

Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja
vs

Il-Kummissjoni

"Appell — Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) — Programm operattiv tal-objettiv Nru 1 (1994-1999) ta' Thüringen u Berlin tal-Lvant (il-Ġermanja) — Tnaqqis tal-għajnuna finanzjarja inizjalment miftiehma — Metodu ta' estrapolazzjoni — Korrezzjonijiet finanzjarji netti — Regolament (KEE) Nru 2052/88 — Regolament (KEE) Nru 4253/88"

1. Fil-kuntest ta' żewġ appelli kontra żewġ sentenzi tal-Qorti Ġenerali li jiċħdu r-rikorsi għal annullament ippreżentati mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja kontra żewġ deċiżjonijiet tal-Kummissjoni li permezz tagħhom tnaqqset għajnuna determinata mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), tqum il-kwistjoni tal-applikabbiltà għall-każ tal-ġurisprudenza stabbilita għal fondi strutturali oħra fil-kuntest ta' tnaqqis tal-għajnuna finanzjarja[2]. B'mod partikolari, huwa mistoqsi jekk fil-każ tal-FEŻR l-iżbalji amministrattivi tal-awtoritajiet nazzjonali jikkostitwixxux "irregolarità" fis-sens tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 24 tar-Regolament (KEE) Nru 4253/88[3], u, fuq kollox, jekk il-Kummissjoni tistax tagħmel korrezzjonijiet finanzjarji permezz tal-metodu ta' estrapolazzjoni.

I – Il-kuntest ġuridiku

2. Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2052/88[4], tal-24 ta' Ġunju 1988, dwar il-funzjonijiet tal-Fondi Strutturali, l-effettività tagħhom kif ukoll il-koordinament tal-attivitajiet tagħhom bejniethom u dawk tal-Bank Ewropew tal-Investiment u tal-istrumenti finanzjarji oħra eżistenti, jistabbilixxi l-qafas regolatorju tal-FEŻR, bil-għan li jikkoreġi l-iżbilanċi reġjonali ewlenin fl-Unjoni.

3. Ir-Regolament Nru 4253/88, dwar dispożizzjonijiet skont ir-Regolament Nru 2052/88, jistipula fl-Artikolu 23 tiegħu, taħt it-titolu "Kontroll Finanzjarju", dan li ġej:

"1. Sabiex jiġi ggarantit is-suċċess tal-azzjonijiet immexxija minn promoturi pubbliċi jew privati, l-Istati Membri għandhom jadottaw il-miżuri neċessarji sabiex:

1 — Lingwa oriġinali: l-Ispanjol.

2 — Per eżempju, is-sentenzi tas-6 ta' Ottubru 1993, L-Italja vs Il-Kummissjoni, C-55/91 (Ġabra p. I-4813), tat-30 ta' Novembru 2000, HMIL, (C-436/98, Ġabra p. I-10555), u tal-4 ta' Marzu 2004, Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni, (C-344/01, Ġabra p. I-2081).

3 — Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4253/88, tad-19 ta' Diċembru 1988, dwar dispożizzjonijiet għall-implementazzjoni tar-Regolament Nru 2052/88, f'dak li jirrigwarda, il-koordinazzjoni bejn l-interventi ta' fondi strutturali differenti, minn naħa, u bejn dawn u dawk tal-Bank Ewropew tal-Investiment u ta' strumenti finanzjarji oħra eżistenti, min-naħa l-oħra (ĠU L 374, p. 1).

4 — ĠU L 185, p. 9.

— jivverifikaw regolarment li l-azzjonijiet iffinanzjati mill-Komunità kienu tmexxew korrettement;

— jevitaw irregolaritajiet u jieħdu azzjoni kontrihom;

— jirkupraw il-fondi mitlufa minħabba abbuż jew negliġenza.

2. Bla ħsara għall-kontrolli mwettqa mill-Istati Membri skont il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi nazzjonali [...], uffiċjali jew aġenti tal-Kummissjoni jistgħu jagħmlu kontrolli fuq il-post, inklużi kontrolli f'forma ta' kampjuni, tal-azzjonijiet iffinanzjati mill-Fond Strutturali.

[…]" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

4. L-Artikolu 24 tar-Regolament Nru 4253/88, bit-titolu "Tnaqqis, sospensjoni u tneħħija tal-għajnuna", jipprovdi:

"1. Jekk it-twettiq ta' azzjoni jew ta' miżura jkun jidher li ma jiġġustifikax l-għajnuna finanzjarja, kollha jew parti minnha, mogħtija lilu, il-Kummissjoni għandha tagħmel eżami xieraq tal-każ fil-kuntest tal-kooperazzjoni, billi titlob b'mod partikolari lill-Istat Membru jew lill-awtoritajiet magħżula minnu għall-implementazzjoni tal-azzjoni, sabiex jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom f'terminu stabbilit.

2. Wara dik l-eżaminazzjoni, il-Kummissjoni tista' tnaqqas jew tissospendi l-għajnuna għall-azzjoni jew għall-miżura kkonċernata jekk l-eżaminazzjoni tikkonferma l-eżistenza ta' irregolarità jew bidla sostanzjali li taffettwa n-natura jew il-kundizzjonijiet tal-implementazzjoni tal-azzjoni jew tal-miżura u li għaliha approvazzjoni tal-Kummissjoni ma tkunx ġiet akkwistata.

[…]" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

5. It-terminu "irregolarità" għandu t-tifsira mogħtija lilu fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 2988/95[5], jiġifieri kull ksur ta' dispożizzjoni tal-liġi tal-Komunità li jirriżulta minn att jew nuqqas min-naħa ta' operatur ekonomiku, li għandhom, jew li jista' jkollhom, l-effett li jippreġudikaw il-baġit ġenerali tal-Komunitajiet jew billi jnaqqsu jew itellfu d-dħul li jakkumula minn riżorsi proprji miġbura direttament għan-nom tal-Komunità, jew permezz tal-impożizzjoni ta' partita mhux ġustifikata tan-nefqa tal-baġit Komunitarju".

6. L-Artikolu 8 tar-Regolament Nru 2064/97[6] jippreċiża li:

"1. Mhux aktar tard mill-mument tal-applikazzjoni għal ħlas finali u d-dikjarazzjoni finali tan-nefqa rigward kwalunkwe forma ta' għajnuna, l-Istati Membri għandhom jissottomettu lill-Kummissjoni dikjarazzjoni [...] ippreparata minn persuna jew korp indipendenti b'mod funzjonali mis-servizz ta' eżekuzzjoni. Din id-dikjarazzjoni għandha tagħti fil-qosor il-konklużjonijiet tal-kontroll imwettaq fis-snin ta' qabel u għandha tiżen il-validità tal-applikazzjoni għall-ħlas tal-bilanċ finali u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet koperti miċ-ċertifikat finali tal-ispiża.

2. F'każ li l-eżistenza ta' nuqqasijiet serji fil-ġestjoni jew il-kontroll jew il-frekwenza għolja ta' irregolaritajiet irreġistrati jimpedixxu li jiġu stabbiliti b'mod pożittiv rigward il-validità tat-talba għall-ħlas finali u d-dikjarazzjoni finali tan-nefqa, id-dikjarazzjoni għandha tindika l-eżistenza ta' dawn iċ-ċirkustanzi u tagħti stima tad-daqs tal-problema u l-impatt finanzjarju tagħha.

5 — Regolament tal-Kunsill (KE, EURATOM) Nru 2988/95, tat-18 ta' Diċembru 1995, dwar il-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 1, p. 340 - 343).

6 — Regolament (KE) tal-Kummissjoni Nru 2064/97, tal-15 ta' Ottubru 1997, li jistabbilixxi r-regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament Nru 4253/88 f'dak li jirrigwarda l-kontroll finanzjarju mwettaq mill-Istati Membri dwar l-operazzjonijiet kofinanzjati mill-fondi strutturali (ĠU L 290, p. 1).

F'dak il-każ, il-Kummissjoni tista' titlob kontroll addizzjonali bil-għan li jiġu stabbiliti l-irregolaritajiet u tinkiseb korrezzjoni tagħhom f'perijodu ta' żmien speċifiku" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

II – **Il-Fatti**

A – *Kawża C-549/12 P*

7. Fuq talba tal-Gvern Ġermaniż, u permezz tad-Deċiżjoni C(94) 1939/5, tal-5 ta' Awwissu 1994, il-Kummissjoni approvat il-programm operattiv għal-Land ta' Thüringen li jaqa' taħt l-objettiv Nru 1 fil-Ġermanja (Arinco Nru 94.DE.16005), li kien jipprovdi għal kontribuzzjoni ta' fondi strutturali għall-ammont ta' ECU 1 021 771 000, li permezz tad-Deċiżjoni C (99) 5087, tad-29 ta' Diċembru 1999, saru EUR 1 086 827 000 b'kofinanzjament tal-FEŻR ta' ammont massimu ta' EUR 1 020 719 000.

8. Għal dak li jirrigwarda l-miżura 2.1 li tikkonċerna s-sostenn għall-attivitajiet ta' produzzjoni tal-SME, id-Deċiżjoni C (99) 5087 iffissat l-ammont massimu tal-ispejjeż għal EUR 674 104 000 u l-kontribuzzjoni mill-FEŻR għal EUR 337 052 000.

9. Il-Ministeru tal-Ekonomija u t-Trasport tal-Land ta' Thüringen inħatar bħala l-awtorità ta' ġestjoni.

10. Matul is-sena 2001, il-Kummissjoni wettqet analiżi sistematika tas-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll fil-Land ta' Thüringen, billi fit-30 ta' Jannar 2002 ippreżentat rapport finali b'rakkomandazzjonijiet speċifiċi.

11. Wara li ġie ippreżentat ir-rapport imsemmi fl-Artikolu 8 tar-Regolament Nru 2064/97 u wara li l-awtoritajiet Ġermaniżi talbu l-ħlas finali tal-programm, il-Kummissjoni għalqet l-intervent u pproċediet għall-ħlas finali mitlub fis-27 ta' Ġunju 2003.

12. Suċċessivament, u matul is-sena 2003, il-Qorti tal-Awdituri wettqet diversi żjarat ta' kontroll u fit-22 ta' Ġunju 2004 bagħtet ir-rapport ta' kontroll provviżorju tagħha lill-awtoritajiet Ġermaniżi, li ttrasferew informazzjoni addizzjonali lill-Qorti tal-Awdituri permezz ta' ittri tal-31 ta' Awwissu u tat-13 ta' Ottubru 2004.

13. Il-Qorti tal-Awdituri bagħtet ir-rapport ta' kontroll tagħha lill-awtoritajiet Ġermaniżi fis-17 ta' Jannar 2005. Dan kien jindika l-eżistenza ta' diversi irregolaritajiet individwali jew sistematiċi dwar operazzjonijiet speċifiċi, bħall-finanzjament ta' impriżi li ma kinux jaqgħu taħt id-definizzjoni ta' SME, id-dikjarazzjoni ta' spejjeż ineliġibbli (kirjiet futuri, VAT, tnaqqis), żbalji fil-kalkolu tal-għajnuna massima u l-assenza ta' dokumenti li jiġġustifikaw ċerti tipi ta' spejjeż bħal dawk ġenerali jew fuq il-fondi proprji. Ir-rapport kien jindika li kien hemm nuqqasijiet fis-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll tal-intervent inkwistjoni. Ir-rata ta' żball tat-28 proġett li jaqgħu taħt il-miżura 2.1 kien ta' 31.36 %.

14. Fid-19 ta' Ottubru 2006, il-Kummissjoni bagħtet lill-awtoritajiet Ġermaniżi l-ewwel riżultati tal-eżami tagħha tar-rapport tal-Qorti tal-Awdituri, u sednithom jibagħtu l-osservazzjonijiet tagħhom.

15. Permezz ta' ittra tal-5 ta' Jannar 2007, l-awtoritajiet Ġermaniżi wieġbu lill-Kummissjoni billi opponew għall-applikazzjoni tal-korrezzjonijiet estrapolati u pprovdew dokumenti addizzjonali ta' ġustifikazzjoni li juru li ċerti spejjeż kienu eliġibbli għall-għajnuna.

16. Permezz tad-Deċiżjoni C(2008) 1690 finali, tat-30 ta' April 2008 ("deċiżjoni kkontestata"), skont l-Artikolu 24 tar-Regolament Nru 4253/88, il-Kummissjoni naqqset l-għajnuna finanzjarja tal-FEŻR għall-intervent inkwistjoni b'EUR 81425825.67, minħabba irregolaritajiet individwali u sistematiċi identifikati fil-qafas tal-miżura 2.1,. Il-Kummissjoni wettqet estrapolazzjoni tar-rata ta' żball għall-miżura 2.1, billi ħadet bħala bażi rata ta' żball ta' 23.88 %. Hija kkalkolat ammont ta' EUR 1232012.70 għall-irregolaritajiet individwali, u ammont ta' EUR 80193812.97 għall-irregolaritajiet sistematiċi.

17. Skont id-deċiżjoni kkontestata, l-iżbalji sistematiċi identifikati huma dawn li ġejjin:

— finanzjament mogħti lil impriża li ma hijiex SME;

— benefiċjarju finali li ma jissodisfax il-kriterji nazzjonali applikabbli għall-SME sabiex jinkiseb finanzjament addizzjonali ta' 15 %;

— spejjeż ineliġibbli ddikjarati fir-rigward ta' kuntratti ta' kiri.

B – *Kawża C-54/13 P*

18. Permezz tad-Deċiżjoni C(94) 1973, tal-5 ta' Awwissu 1994, il-Kummissjoni approvat il-programm operattiv għal Berlin tal-Lvant li jaqa' taħt l-objettiv Nru 1 fil-Ġermanja (Arinco Nru 94.DE.16.006), li jipprovdi għal kontribuzzjoni ta' fondi strutturali ta' ECU 743 112 000, li żdiedu għal EUR 779 154 000 b'finanzjament tal-FEŻR fl-ammont ta' EUR 540 886 000.

19. Il-Ministeru tal-Ekonomija, tat-Teknoloġija u tan-Nisa tal-Land ta' Berlin kien innominat bħala l-awtorità ta' ġestjoni.

20. L-awtoritajiet Ġermaniżi ppreżentaw it-talba tagħhom għall-ħlas finali fl-24 ta' Marzu 2003.

21. Bejn Frar 2004 u Marzu 2005 il-Kummissjoni u kumpannija tal-verifika esterna kkuntrattata minnha wettqu diversi żjarat ta' kontroll fil-kuntest tal-kontrolli ta' għeluq tal-programmi kkofinanzjati mill-FEŻR matul il-perjodu ta' programmar 1994-1999.

22. Fil-31 ta Mejju u fil-15 ta' Diċembru, il-Kummissjoni bagħtet lill-awtoritajiet Ġermaniżi, ir-rapport ta' verifika tagħha li fih kien hemm numru ta' irregolaritajiet sistematiċi relatati ma' operazzjonijiet speċifiċi, inklużi, speċifikament, id-dikjarazzjoni ta' spejjeż ineliġibbli (spejjeż mingħajr tnaqqis tal-prodotti tal-bejgħ, spejjeż ġenerali li fil-fatt ma sarux, dikjarazzjonijiet ta' spejjeż li jaqbżu l-ispejjeż imwettqa), ksur tar-regoli tal-kuntratti pubbliċi u assenza ta' dokumenti ta' ġustifikazzjoni. Għad-29 proġett tal-intervent li ġew effettivament ikkontrollati r-rata ta' żball kienet ta' 7.56 %. Mis-36 proġett magħżula, sebgħa ma setgħux jiġu kkontrollati minħabba falliment.

23. Ladarba ppreżentat il-kummenti tagħha u l-informazzjoni addizzjonali mill-awtoritajiet Ġermaniżi, il-Kummissjoni kkomunikat il-konklużjonijiet provviżorji tagħha fis-26 ta' Jannar 2007, li oġġezzjonaw għalihom l-awtoritajiet Ġermaniżi billi allegaw li kien hemm nuqqas ta' bażi legali, u opponew l-applikazzjoni ta' korrezzjonijiet finanzjarji b'rata fissa u estrapolati u ppreżentaw provi addizzjonali tal-legalità tal-ispejjeż.

24. Permezz tad-Deċiżjoni C(2008) 1615 finali, tad-29 ta' April 2008 ("deċiżjoni kkontestata"), il-Kummissjoni naqqset b'EUR 12900719.52 l-għajnuna finanzjarja mill-FEŻR. Il-Kummissjoni bbażat ruħha fuq rata ta' żball ta' 3.63 % tad-29 proġett ikkontrollat u applikat korrezzjoni finanzjarja estrapolata li kienet tirrappreżenta tnaqqis ta' 2.68 % tal-għajnuna finanzjarja tal-FEŻR għall-programm ġenerali.

III – **Is-sentenzi tal-Qorti Ġenerali**

25. Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja ppreżentat żewġ appelli quddiem il-Qorti Ġenerali li ġew miċħuda permezz tas-sentenzi tad-19 ta' Settembru 2012, Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni (T-265/08), u tal-21 ta' Novembru 2012, Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni (T-270/08).

26. Il-Qorti Ġenerali ċaħdet il-motivi varji mressqa mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja bis-sostenn ta' Spanja, il-Pajjiżi l-Baxxi u r-Renju Unit, li jidhru wkoll fl-appell.

27. L-ewwel nett, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja sostniet li l-kundizzjonijiet tal-Artikolu 24(2) tar-Regolament Nru 4253/88 biex isir tnaqqis fl-għajnuna ma kinux issodisdatti. Il-Qorti Ġenerali kkunsidrat, madankollu, li l-iżbalji amministrattivi attribwibbli lill-awtoritajiet nazzjonali jistgħu jiġu kklassifikati bħala irregolaritajiet fis-sens ta' dik id-dispożizzjoni, peress li l-kunċett ta' "irregolarità" stabbilit fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament Nru 2988/95 huwa irrilevanti, peress li huwa regolament li għandu għanijiet differenti b'kamp ta' applikazzjoni differenti wkoll.

28. It-tieni nett, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja sostniet li l-Artikolu 24(2) tar-Regolament Nru 4253/88 ma kienx jippermetti l-applikazzjoni tal-metodu ta' estrapolazzjoni sabiex jiġi kkalkulat l-ammont tat-tnaqqis, rigward liema l-Qorti Ġenerali wieġbet li dan huwa l-iktar metodu xieraq sabiex jiġi żgurat l-għan tar-Regolament, jiġifieri, li ssir korrezzjoni finanzjarja li tista' tkopri d-danni kollha sostnuti mill-baġit tal-Unjoni.

29. It-tielet nett, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja allegat li l-Kummissjoni kienet ibbażat ruħha fuq analiżi tal-Qorti tal-Awdituri minflok ma wettqet il-kontrolli hi stess u fuq il-post iċ-ċirkustanzi tal-każ. Il-Qorti Ġenerali kkunsidrat li dan ta' hawn fuq ma kienx jinvolvi ksur tal-imsemmi Artikolu 24(2).

30. Ir-raba' nett, il-Qorti Ġenerali eskludiet li billi kienet ħadet inkunsiderazzjoni kontabbiltà żbaljata ta' ċerti kumpanniji, il-Kummissjoni kisret il-prinċipji ta' aspettattivi leġittimi, ta' ċertezza legali u ta' kooperazzjoni.

31. Fl-aħħar nett, il-Qorti Ġenerali ċaħdet li l-applikazzjoni tal-metodu ta' estrapolazzjoni kienet tmur kontra l-prinċipju ta' proporzjonalità.

32. Kontra l-imsemmija sentenzi tal-Qorti Ġenerali ġew ippreżentati appelli li wasslu għal din il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

IV – **L-appelli**

33. L-appell C-549/12 P huwa bbażat fuq żewġ aggravji: 1) żball ta' liġi fil-klassifikazzjoni ta' ċerti żbalji amministrattivi bħala "irregolaritajiet"; 2) żball ta' liġi bl-applikazzjoni tal-metodu ta' estrapolazzjoni.

34. L-appell C-54/13 P jirrepeti ż-żewġ aggravji preċedenti, filwaqt li jiżdiedu dawn it-tnejn li ġejjin: 1) żball ta' liġi minħabba l-applikazzjoni illegali tal-korrezzjonijiet finanzjarji mħallsa f'daqqa 2) ksur mill-Qorti Ġenerali tal-obbligu ta' motivazzjoni.

V – **Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja**

A – *Kawża C-549/12 P*

35. L-ewwel appell ġie ppreżentat fil-Qorti tal-Ġustizzja fid-29 ta' Novembru 2012.

36. Permezz tal-ewwel parti tal-aggravju, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja takkuża lill-Qorti Ġenerali li wettqet żball ta' liġi meta kkunsidrat li l-iżbalji amministrattivi attribwibbli lill-awtoritajiet nazzjonali jistgħu jiġu kklassifikati bħala irregolaritajiet fis-sens tal-Artikolu 24(2) tar-Regolament Nru 4253/88. Skont ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, il-kunċett ta' "irregolarità" għandu jiġi interpretat skont l-Artikolu 1(2) tar-Regolament Nru 2988/95. Billi ma għamlitx dan, il-Qorti Ġenerali kisret kemm dik id-dispożizzjoni kif ukoll il-prinċipju tal-għoti tal-kompetenzi stipulat fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 5(2) TUE, u fl-Artikolu 7 TFUE.

37. Il-Kummissjoni, min-naħa tagħha, issostni li fil-kuntest tal-ġestjoni kondiviża fil-qasam tal-fondi strutturali, l-Artikolu 24 tar-Regolament Nru 4253/88 japplika għall-korrezzjonijiet finanzjarji relatati mal-benefiċjarji, min-naħa waħda, u mal-Istati Membri, min-naħa l-oħra, mingħajr ma, f'dan l-aħħar każ, jiġu interpretati flimkien ir-Regolament Nru 4253/88 u r-Regolament Nru 2988/95.

38. Permezz tat-tieni parti tal-ewwel aggravju, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja ssostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta kkunsidrat li l-ksur tad-dritt nazzjonali u l-iżbalji li ma għandhom l-ebda impatt fuq il-baġit tal-Unjoni jistgħu jikkostitwixxu, l-Artikolu 1(2) tar-Regolament Nru 2988/95, irregolaritajiet fis-sens tal-Artikolu 24(2) tar-Regolament Nru 4253/88.

39. Il-Kummissjoni ssostni f'dan ir-rigward li l-kunċett ta' "irregolarità" jinkludi kull tip ta' ksur tar-regoli applikabbli li jista' jinvolvi riskju għall-baġit tal-Unjoni, filwaqt li jkun ċar li l-inammissibbiltà tal-ispejjeż tikkostitwixxi riskju ta' dan it-tip.

40. Permezz tat-tieni aggravju r-Repubblika Federali tal-Ġermanja tattribwixxi żball ta' liġi lill-Qorti Ġenerali minħabba li rrikonoxxiet lill-Kummissjoni d-dritt li twettaq korrezzjonijiet finanzjarji permezz ta' estrapolazzjoni u kkonfermat il-metodi ta' implimentazzjoni tal-estrapolazzjoni stabbiliti mill-Kummissjoni f'dan il-każ.

41. Permezz tal-ewwel parti ta' dan it-tieni aggravju, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, bis-sostenn tar-Renju ta' Spanja u tar-Repubblika Franċiża, issostni li s-sentenza appellata kisret l-Artikolu 24(2) tar-Regolament Nru 4253/88 — li (għall-kuntrarju ta' dak stabbilit espressament fil-leġiżlazzjoni applikabbli għall-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss[7]) jippermetti biss operazzjonijiet rigward azzjonijiet jew miżuri li l-irregolarità tagħhom tkun ġiet effettivament ikkonstatata — u l-prinċipju ta' attribuzzjoni ta' kompetenzi.

42. Il-Kummissjoni, min-naħa tagħha, issostni li skont il-linji gwida dwar il-korrezzjonijiet finanzjarji netti adottati sabiex jiġu ddeterminati l-modalitajiet ta' applikazzjoni tal-Artikolu 24(2) tar-Regolament Nru 4253/88, meta kontroll jistabbilixxi riskju ġenerali għall-programm operattiv kollu għandu jkun possibbli li ssir korrezzjoni permezz ta' estrapolazzjoni sabiex jiġi evitat li l-baġit tal-Unjoni jsostni spejjeż li ma jkunux saru b'mod konformi mar-regolamenti applikabbli.

43. Permezz tat-tieni parti tat-tieni aggravju, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, bl-appoġġ tar-Renju ta' Spanja, issostni li, fi kwalunkwe każ, il-Qorti Ġenerali wettqet żball meta kkonkludiet li l-Kummissjoni f'dan il-każ għamlet korrezzjoni korretta permezz ta' estrapolazzjoni. Fl-ewwel lok, minħabba li inklużjoni żbaljata ta' proġetti individwali, fin-nuqqas ta' ħsara għall-baġit tal-Unjoni, ma tistax isservi ta' bażi għal korrezzjoni finanzjarja permezz ta' estrapolazzjoni, li tmur kontra l-prinċipju ta' proporzjonalità. Fit-tieni lok, minħabba li l-Qorti Ġenerali aċċettat il-klassifikazzjoni mill-Kummissjoni ta' ċerti irregolaritajiet bħala sistematiċi minkejja l-opinjoni kuntrarja tal-Qorti tal-Awdituri.

7 — Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1260/1999, tal-21 ta' Ġunju 1999, li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fondi Strutturali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 14, Vol. 1, p. 31).

44. Il-Kummissjoni tirrispondi li kellha l-kompetenza li twettaq korrezzjoni permezz ta' estrapolazzjoni fil-każ ta' inklużjoni żbaljata ta' spejjeż li twassal għal theddida ta' ħsara għall-baġit tal-Unjoni u li l-klassifikazzjoni tal-irregolaritajiet bħala sistematiċi kienet ibbażata fuq il-punt 5 tal-linji gwida dwar il-korrezzjonijiet finanzjarji, mingħajr ma kienet marbuta mal-kunsiderazzjonijiet legali tal-Qorti tal-Awdituri. Barra minn hekk, fil-fehma tagħha, l-estrapolazzjoni hija proporzjonata sa fejn tittrasponi r-rata ta' żball identifikat f'kampjun rappreżentattiv fil-bqija tal-programm operattiv.

B – *Kawża C-54/13 P*

45. It-tieni appell ġie rreġistrat fil-Qorti tal-Ġustizzja fil-31 ta' Jannar 2013.

46. L-ewwel żewġ aggravji ta' dan l-appell sostanzjalment jikkoinċidu mal-aggravji tal-appell li wassal għall-Kawża C-549/12.

47. B'mod partikolari, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja takkuża lill-Qorti Ġenerali li kkonfermat l-irregolaritajiet sistematiċi stabbiliti mill-Kummissjoni, u b'hekk inkludiet żbalji relatati mar-regoli tal-kuntratti pubbliċi li jistgħu jaffettwaw biss ċerti partijiet tal-programm operattiv, kif ukoll żbalji relatati ma' każijiet partikolari ħafna u dubjuż.

48. Barra minn hekk, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja tikkontesta l-konstatazzjoni tal-Qorti Ġenerali li l-Kummissjoni kienet għażlet il-proċedura xierqa ta' kampjunar, u li għalhekk ir-rata ta' żball stabbilita ma hijiex rappreżentattiva.

49. Min-naħa l-oħra, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja ssostni li estrapolazzjoni ta' żbalji mhux rappreżentattivi u ta' żbalji kwantifikati minn ammonti mħallsa f'daqqa tmur kontra l-prinċipju ta' proporzjonalità, minħabba li l-korrezzjoni finanzjarja tmur lil hinn minn kumpens għat-telf finanzjarju effettivament sostnut mill-baġit tal-Unjoni.

50. Abbażi ta' dan, il-Kummissjoni ssostni li l-irregolaritajiet identifikati kienu ta' natura sistematika, sa fejn affermaw sistemi amministrattivi u ta' kontroll insuffiċjenti. Min-naħa l-oħra, il-kampjun sar skont teknika rikonoxxuta internazzjonalment. Fl-aħħar nett, fil-fehma tagħha, l-estrapolazzjoni fiha nfisha hija metodu proporzjonat għall-evalwazzjoni u l-kwantifikazzjoni tar-riskju ta' intervent.

51. It-tielet aggravju huwa bbażat fuq ksur tal-Artikolu 24(2) tar-Regolament Nru 4253/88 permezz tal-applikazzjoni tal-korrezzjonijiet finanzjarji mħallsa f'daqqa.

52. Il-Kummissjoni tallega f'dan ir-rigward li l-kalkolu għal rata mħallsa f'daqqa huwa xieraq għall-irregolaritajiet li ma għandhom ebda valur speċifiku, bħal f'dan il-każ, u proporzjonat, fid-dawl tal-gravità tal-operazzjonijiet.

53. Fl-aħħar nett, ir-raba' aggravju huwa bbażat fuq il-ksur mill-Qorti Ġenerali tal-obbligu ta' motivazzjoni, peress li ma kkunsidratx l-argumenti dwar l-illegalità tal-korrezzjonijiet finanzjarji mħallsa f'daqqa, li l-Kummissjoni tikkontesta.

54. Is-seduta pubblika nżammet fid-9 ta' Jannar 2014, u fiha dehru r-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ir-Renju ta' Spanja u l-Kummissjoni.

VI – **Evalwazzjoni**

55. Minkejja li ser nagħti l-opinjoni tiegħi dwar kull wieħed mill-aggravji mressqa mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ser nikkonċentra b'iktar fid-dettall fuq it-tieni wieħed, li jqajjem il-kwistjoni tal-applikabbiltà tal-modalità ta' estrapolazzjoni sabiex isiru korrezzjonijiet finanzjarji fil-każ ta' irregolaritajiet osservati f'azzjonijiet iffinanzjati mill-FEŻR.

A – *L-ewwel aggravju, komuni fiż-żewġ appelli*

56. Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja ssostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta kkonstatat li l-Artikolu 24(2) tar-Regolament Nru 4253/88 jawtorizza lill-Kummissjoni twettaq korrezzjonijiet finanzjarji minħabba żbalji amministrattivi.

57. B'mod konformi mal-approċċ tal-Kummissjoni, jaqbel li nibda billi nfakkar li, minbarra l-obbligi ġenerali li jirriżultaw mill-prinċipji ta' kooperazzjoni leali u ta' awtonomija proċedurali tal-Istati Membri, meta dawn tal-aħħar jimplementaw dispożizzjonijiet tal-Unjoni relatati ma' fondi jew programmi finanzjarji tal-Unjoni nnifisha jiġu involuti wkoll ir-responsabbiltajiet reċiproċi tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri fl-eżekuzzjoni tal-baġit Komunitarju u li huma speċifikati fl-Artikolu 247 KE (li sar l-Artikolu 317 TFUE), fir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ("Regolament Finanzjarju")[8], fir-Regolament (KE, Euratom) Nru 2342/2002 ("Regolament dwar il-modalitajiet ta' eżekuzzjoni")[9], u, f'dan il-każ, fir-Regolamenti dwar il-fondi strutturali.

58. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja rċeviet kontribuzzjoni finanzjarja mill-Unjoni li hija obbligata li tamministra f'isem l-Unjoni, filwaqt li tiggarantixxi li l-użu tagħha jikkonforma mar-regolamenti applikabbli.

59. Rigward din it-tip ta' ġestjoni kondiviża tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji tal-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja stabbiliet ġurisprudenza kkonsolidata fil-qasam tal-fondi strutturali, prinċipalment il-Fond Agrikolu Ewropew dwar Gwida u Garanzija (FAEGG) u l-Fond Soċjali Ewropew (FSE)[10]. Fl-opinjoni tiegħi, bi qbil fuq dan il-punt mal-Kummissjoni, din il-ġurisprudenza hija applikabbli bl-istess mod għall-FEŻR, kif ukoll għal fond strutturali u li l-kontribuzzjonijiet tiegħu lill-Istati Membri jistgħu jkunu suġġetti għal kontroll indirett u mhux eżawrjenti mill-Kummissjoni.

60. Bi qbil ma' din il-ġurisprudenza, kif tosserva l-Kummissjoni, "huma biss l-ispejjeż minfuqa skond ir-regoli Komunitarji li huma koperti mill-baġit Komunitarju"[11]. Ċertament, ir-riferiment għar-"regoli Komunitarji" jista' jsostni l-idea, difiża mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, li ma jistax jiġi kkunsidrat il-ksur tal-istandards nazzjonali. Ma naqbilx ma' dan.

61. Fil-każ tal-ġestjoni kondiviża tal-fondi tal-Unjoni, huwa inevitabbli li r-regoli Komunitarji — ibbażati fuq id-dixxiplina ġenerali tal-kundizzjonijiet tad-distribuzzjoni u l-ġestjoni tas-sussidji ffinanzjati mill-Unjoni — jiġu ssupplimentati bir-regoli nazzjonali li, permezz tal-ispeċifikazzjoni ta' dik id-dixxiplina ġenerali, jippermettu li jiġu stabbiliti b'mod preċiż il-benefiċjarji ta' dawn l-għotjiet.

8 — Regolament Nru 1605/2002 tal-Kunsill, tal-25 ta' Ġunju 2002, li japprova r-Regolament finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, p. 1).

9 — Regolament tal-Kummissjoni Nru 2342/2002, tat-23 ta' Diċembru 2002, li jippreskrivi regoli ddettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill Nru 1605/2002 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 01, Vol. 4, p. 145-215).

10 — B'mod ġenerali, is-sentenza tal-15 ta' Settembru 2005, L-Irlanda vs Il-Kummissjoni, (C-199/03, Ġabra p. I-8027).

11 — Sentenza L-Irlanda vs Il-Kummissjoni, iċċitata, punt 26, b'riferiment għas-sentenza tas-6 ta' Ottubru 1993, L-Italja vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, punt 67. Il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li japplika l-FSE għal dan il-prinċipju, inizjalment ddikjarat b'rabta mal-FAEGG.

62. F'dan ir-rigward, ir-regoli Komunitarji u nazzjonali jikkostitwixxu ħaġa waħda għall-finijiet tal-Artikolu 24(2) tar-Regolament Nru 4253/88, li, b'riferiment għal "irregolarità [...] li taffettwa l-*kundizzjonijiet ta' implimentazzjoni* tal-azzjoni jew tal-miżura"[12], ma jistax jinkludi r-regoli kollha li jiddefinixxu, fl-intier tagħhom, il-kontenut u l-portata ta' dawn il-kundizzjonijiet.

63. Permezz ta' dan diġà qed nantiċipa l-pożizzjoni tiegħi dwar il-kwistjoni mqajma mill-Gvern Ġermaniż dwar il-leġiżlazzjoni li fiha għandu jitfittex il-kunċett ta' "irregolarità" li jikkonċerna lilna hawnhekk. Dan se nagħmlu fis-sens propost mill-Kummissjoni.

64. Fil-fatt, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja ssostni li wieħed għandu jibda mill-kunċett ta' "irregolarità", imsemmi fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament Nru 2988/95, dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji Komunitarji u li permezz tiegħu "[i]rregolarità' għandha tfisser kull ksur ta' dispożizzjoni tal-liġi tal-Komunità li jirriżulta minn att jew nuqqas ta' operatur ekonomiku, li għandu, jew li jista' jkollu, l-effett li jippreġudika l-budget ġenerali tal-Komunità […]".

65. Din id-dispożizzjoni, minħabba l-kundizzjoni tagħha bħala regola *ġenerali* dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, nikkunsidra li għandha ċċedi l-applikabbiltà tagħha għal dik fl-Artikolu 24(2) tar-Regolament Nru 4253/88, regola *speċjali* fejn hija rregolata l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni fil-qasam speċifiku tal-fondi strutturali.

66. Għalhekk, ma jistax jiġi sostnut li l-Kummissjoni tista' tneħħi jew tnaqqas għajnuna finanzjarja biss jekk l-irregolarità apparenti tkun attribwibbli għal operatur ekonomiku, skont l-Artikolu 1(2) tar-Regolament Nru 2988/95, u b'hekk jiġu esklużi l-irregolaritajiet attribwibbli lill-Amministrazzjoni nazzjonali responsabbli għall-ġestjoni tal-għajnuna Komunitarja.

67. F'dan is-sens, il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li "[l]-Artikolu 24 tar-Regolament Nru 4253/88 ma jagħmel ebda distinzjoni ta' natura kwantitattiva jew kwalitattiva f'dak li jirrigwarda l-irregolaritajiet li jistgħu jagħtu lok għat-tnaqqis ta' għajnuna"[13]. Din id-dikjarazzjoni, għalkemm magħmula bi tweġiba għall-osservazzjoni li l-irregolaritajiet innotati f'dan il-każ kienu ta' natura teknika, tista' tiġi estiża għall-każ meta, bħal fil-każ inkwistjoni, tiġi invokata *l-kwalità* pubblika tas-suġġett li lilu tkun attribbwita l-irregolarità.

68. Dan huwa minħabba li, kif tfakkar il-Kummissjoni, u fil-kliem tas-sentenza tal-24 ta' Jannar 2002, Conserve Italia vs Il-Kummissjoni[14], "l-Artikolu 24(2) tar-Regolament Nru 4253/88 [...] jipprovdi l-bażi legali ta' kwalunkwe talba għal rimbors mill-Kummissjoni". Għalhekk, hija meħtieġa interpretazzjoni wiesgħa tal-kunċett ta' "irregolarità" fis-sens tad-dispożizzjoni ċċitata, taħt piena li jitnaqqas b'mod notevoli l-effett utli tiegħu, peress li inkella ma jkunux jistgħu jiġu rettifikati l-irregolaritajiet attribwibbli lill-amministratur pubbliku nazzjonali, li magħhom għandu jiżdied neċessarjament il-kuntest tal-ġestjoni kondiviża li huwa tipiku tal-fondi strutturali.

69. Nikkunsidra, għalhekk, li l-Qorti Ġenerali kkonkludiet b'mod korrett fil-punt 40 tal-ewwel sentenza kkontestata li l-fatt li "l-awtoritajiet nazzjonali għandhom rwol ċentrali fl-implementazzjoni tal-Fondi Strutturali jiffavorixxi interpretazzjoni wiesgħa tal-kunċett ta' "irregolarità" [...], [għalhekk] żball imwettaq minn dawn tal-aħħar għandu jitqies bħala "irregolarità" fis-sens tal-Artikolu 24(2) tar-Regolament Nru 4253/88, fir-rigward tal-prinċipji ta' amministrazzjoni finanzjarja tajba, imsemmija fl-Artikolu 274 KE, ta' kooperazzjoni leali, imsemmija fl-Artikolu 10 KE, li ma tawtorizzax immunità tal-Istati Membri, u fid-dawl tal-fatt li l-Artikolu 24 tar-Regolament Nru 4253/88 huwa l-unika dispożizzjoni li tippermetti t-tnaqqis tal-ammont ta' għajnuna fil-każ fejn l-intervent ma seħħx kif oriġinarjament ippjanat […]"[15].

12 — Enfasi miżjuda.

13 — Sentenza L-Irlanda vs Il-Kummissjoni, iċċitata, punt 30.

14 — Kawża C-500/99 P (Ġabra p. I-867), punt 88.

15 — Fl-istess sens insibu l-punt 28 tat-tieni sentenza appellata f'dawn il-proċeduri.

70. Finalment, lanqas naqbel mal-idea li huma importanti biss l-irregolaritajiet li jikkawżaw ħsara lill-baġit tal-Unjoni.

71. Għal darb'oħra, din hija kundizzjoni stipulata fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament Nru 2988/95, iżda mhux fl-Artikolu 24(2) tar-Regolament Nru 4253, li preferibbilment japplika għal dan il-każ, u li fih l-irregolaritajiet rilevanti huma dawk li jaffettwaw "il-kundizzjonijiet tal-implementazzjoni tal-azzjoni jew tal-miżura u li għaliha ma ntalbitx l-approvazzjoni tal-Kummissjoni". Huwa evidenti li l-interess tal-leġiżlatur li jiżgura l-implementazzjoni xierqa tal-azzjonijiet u l-miżuri ta' finanzjament huwa ġġustifikat finalment mill-interess tiegħu li tiġi evitata kwalunkwe ħsara għall-baġits Komunitarji. Iżda, mingħajr ma naslu għal dan il-punt, huwa ugwalment evidenti li kwalunkwe irregolarità, anki dik li ma twassalx b'mod dirett għal din il-ħsara, turi difett fil-ġestjoni tal-fondi pubbliċi li, bħala tali, tikkostitwixxi riskju għall-integrità tal-baġit. Dan apparti l-fatt li l-Artikolu 24(2) tar-Regolament Nru 4235/88 għandu bħala l-ewwel għan, ġustament, l-amministrazzjoni tajba bħala tali tal-fondi tal-Unjoni, u dan, għalhekk indipendentement mill-fatt li, fil-fehma tiegħi, l-irregolaritajiet imsemmija jwasslu għal telf finanzjarju immedjat.

72. Konsegwentement, nikkunsidra li l-ewwel aggravju taż-żewġ appelli għandu jiġi miċħud.

B – *It-tieni aggravju, kondiviż bejn iż-żewġ appelli*

73. Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja tqis li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta rrikonoxxiet lill-Kummissjoni s-setgħa li twettaq korrezzjonijiet finanzjarji permezz ta' estrapolazzjoni u meta kkonfermat l-estrapolazzjoni mwettqa f'dan il-każ.

1. Fuq il-legalità tal-użu tal-metodu ta' estrapolazzjoni fil-qasam tal-FEŻR

74. L-argument tal-Gvern Ġermaniż, kondiviż mill-Gvern Spanjol u dak Franċiż, fundamentalment għandu natura litterali, peress li huwa bbażat fuq il-fatt li l-Artikolu 24(2) tar-Regolament Nru 4253/88 jirreferi speċifikament għall-"irregolarità jew bidla sostanzjali li taffettwa n-natura jew il-kundizzjonijiet tal-implementazzjoni tal-azzjoni jew tal-miżura"[16]. Minn dan jirriżulta li t-tnaqqis jew sospensjoni tal-għajnuna jsir biss jekk tkun instabet irregolarità jew bidla konkreta, u għalhekk ma tkunx f'lokha l-possibbiltà ta' azzjoni permezz ta' estrapolazzjoni, fir-rigward ta' azzjonijiet jew miżuri li ma jkunux ġew eżaminati.

75. Dan l-approċċ huwa l-istess bħal dak tal-Avukat Ġenerali La Pergola fil-konklużjonijiet tal-Kawża C-443/97, Il-Kummissjoni vs Spanja[17], skont liema "il-kliem *litterali* [[18]] tal-Artikolu 24 ma jippermettix l-inklużjoni fil-portata tal-kunċett ta' "irregolarità" il-ksur tal-obbligi msemmija fl-Artikolu 23(1), sabiex b'hekk it-tnaqqis nett ikun iġġustifikat"[19].

76. Ma' dan tal-aħħar jiġi miżjud il-fatt li, għall-kuntrarju tal-Artikolu 24(2) tar-Regolament Nru 4253/88, ir-Regolament Nru 1260/99, applikabbli għall-perjodu 2000-2006, jawtorizza espressament lill-Kummissjoni fl-Artikolu 39(3)(b) tiegħu, biex "tagħmel il-korrezzjonijiet finanzjarji meħtieġa" jekk ikun hemm "nuqqasijiet sinifikanti fis-sistemi ta' ġestjoni jew ta' kontroll li jistgħu jwasslu għal irregolaritajiet sistematiċi" [il-paragrafu (2)(c) tal-istess artikolu]. Korrezzjonijiet konsistenti, kif previst f'dak il-paragrafu, "billi tikkanċella l-kontribuzzjoni tal-Fondi kollha jew parti

16 — Enfasi miżjuda.

17 — Konklużjonijiet ippreżentati fit-28 ta' Ottubru 1999 (sentenza tas-6 ta' April 2000, Ġabra p. I-2415), punti 18 sa 24.

18 — Enfasi oriġinali.

19 — Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali La Pergola, punt 21.

minnha lill-għajnuna konċernata" u li l-ammont tagħha għandu jiġi deċiż "billi tieħu in konsiderazzjoni, b'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, it-tip ta' irregolarità jew bidla u d-daqs jew l-implikazzjonijet finanzjari tan-nuqqasijiet misjuba fis-sistemi ta' l-amministrazzjoni jew ta' kontroll tal-Istati Membri".

77. Fil-qosor, għall-Gvern Ġermaniż, kemm mill-Artikolu 24(2) tar-Regolament Nru 4253/88 kif ukoll, mil-leġiżlazzjoni li ġiet applikata sussegwentement f'dan il-kuntest jirriżulta li dan l-artikolu ma jippermettix li jintuża l-metodu ta' estrapolazzjoni.

78. Dawn l-argumenti jistgħu jiġu kkuntestati permezz tal-argumenti li se nelenka hawn taħt: l-ewwel nett, li l-Artikolu 24 tar-Regolament Nru 4253/88 għandu jiġi interpretat b'rabta mal-artikolu ta' qablu. It-tieni nett, li l-evoluzzjoni sussegwenti tal-leġiżlazzjoni applikabbli fil-qasam ma tiddeterminax l-interpretazzjoni li hija rilevanti għalina hawnhekk.

a) Is-sistema tal-Artikoli 23 u 24 tar-Regolament Nru 4253/88

79. Fl-opinjoni tiegħi, l-Artikoli 23 u 24 tar-Regolament Nru 4253/88 huma sinjifikanti biss jekk jiġu kkunsidrati bħala sistema artikolata, preċiżament, madwar il-kunċett ta' "irregolarità". L-ewwel wieħed mill-artikoli fil-paragrafu 1 tiegħu jimponi fuq l-Istati Membri l-obbligu li jadottaw il-miżuri neċessarji sabiex jivverifikaw l-implimentazzjoni korretta tal-azzjonijiet iffinanzjati mill-Unjoni, jipprevjenu u jittrattaw irregolaritajiet u, jekk applikabbli, jirkupraw il-fondi mitlufa minħabba abbuż jew negliġenza[20]. Fil-qosor, dan jinvolvi s-sorveljanza ta' sistema ta' kontroll finanzjarju kapaċi li tiżgura l-użu xieraq tal-fondi Komunitarji.

80. Jekk l-Istati Membri ma jikkonformawx kif xieraq ma' dan l-obbligu, billi ma jistabbilixxux sistema ta' kontroll xierqa jew inkella billi ma japplikawhiex b'mod korrett f'każ partikolari, iwettqu irregolarità ċara. Fl-ewwel każ, ir-reazzjoni tal-liġi tal-Unjoni għandha tkun sostanzjata permezz ta' azzjoni ta' ksur[21], f'dak li jirrigwarda t-tieni wieħed, fl-opinjoni tiegħi, hija relevanti biss dik tas-sospensjoni jew it-tnaqqis tal-għajnuna stabbilita skont l-Artikolu 24(2) tar-Regolament Nru 4253/88.

81. Fil-fatt, il-konstatazzjoni ta' nuqqasijiet partikolari fis-sistema ta' kontroll stabbilita minn Stat Membru hija waħda mill-ipoteżi li jistgħu leġittimament iqajmu dubju raġonevoli dwar il-ġustifikazzjoni ta' għajnuna finanzjarja partikolari allokata mill-Unjoni. F'każijiet bħal dawn isir riferiment għall-Artikolu 24(1) tar-Regolament Nru 4253/88 li jirreferi għall-każ fejn "it-twettiq ta' azzjoni jew ta' miżura jkun jidher li ma jiġġustifikax l-għajnuna finanzjarja, kollha jew parti minnha, mogħtija lilu". Abbażi ta' dan, l-artikolu jobbliga lill-Kummissjoni twettaq "eżami xieraq tal-każ fil-kuntest tal-kooperazzjoni, billi titlob b'mod partikolari lill-Istat Membru [...] biex [jippreżenta] l-osservazzjonijiet [tiegħu] f'terminu stabbilit".

82. Huwa wara dan l-eżami li, skont l-Artikolu 24(2) tar-Regolament Nru 4253/88, "il-Kummissjoni tista' tnaqqas jew tissospendi l-għajnuna għall-azzjoni jew għall-miżura konċernata jekk l-eżaminazzjoni tikkonferma l-eżistenza ta' irregolarità jew bidla sostanzjali li taffettwa n-natura jew il-kundizzjonijiet tal-implementazzjoni tal-azzjoni jew tal-miżura". Fl-opinjoni tiegħi, irregolarità fis-sistema ta' kontroll ta' għajnuna finanzjarja tal-Unjoni taffettwa b'mod sostantiv il-*kundizzjonijiet ta' implimentazzjoni* tal-azzjoni jew tal-miżura benefiċjarji ta' din l-għajnuna. Dan huwa, possibbilment, it-tip ta' irregolarità li jirrigwarda bl-iktar mod dirett tali kundizzjonijiet.

20 — F'dan is-sens, is-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2011, Chambre de Commerce et d'Industrie de l'Indre (C-465/10, Ġabra p, I-14081), punt 35.

21 — Dan jirriżulta mis-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-11 ta' Lulju 1996, An Taisce u WWF UK vs Il-Kummissjoni (C-325/94 P, Ġabra p. I-3727), punt 22.

83. Għalhekk, ma nsibx raġuni biex insostni li l-irregolaritajiet li jikkonsistu fil-ksur tal-obbligi stipulati fl-Artikolu 23(1) tar-Regolament Nru 4253/88 ma jistgħux jiġu inklużi mal-irregolaritajiet li jiġġustifikaw sospensjoni jew tnaqqis tal-għajnuna skont l-Artikolu 24(2) tal-istess regolament. U dan il-fatt, kif se naraw, jilleġittima l-użu tal-metodu ta' estrapolazzjoni, u għalhekk, minħabba n-natura tagħhom stess, l-irregolaritajiet ta' sistema ta' kontroll jistgħu jaffettwaw l-azzjonijiet kollha suġġetti għal din is-sistema u, ladarba jiġu identifikati bħala nuqqasijiet fis-sistema, jistgħu jiġu rranġati biss jekk jiġu pproġettati fuq dawn l-azzjonijiet kollha.

b) Il-leġiżlazzjoni sussegwenti u r-rilevanza tagħha għall-interpretazzjoni tal-Artikolu 24(2) tar-Regolament Nru 4253/88

84. Ċertament, kif isostni l-Gvern Ġermaniż, il-leġiżlazzjoni applikabbli għall-perjodu 2000-2006 tippermetti b'mod espliċitu li l-Kummissjoni "twettaq il-korrezzjonijiet finanzjarji meħtieġa" jekk ikunu "jeżistu nuqqasijiet serji fis-sistemi ta' amministrazzjoni jew ta' kontroll li jistgħu jwasslu għal irregolaritajiet sistematiċi" [l-Artikolu 39(2)(c) u (3)(b) tar-Regolament Nru 1260/99]. Dan ma jfissirx, madankollu, li skont il-leġiżlazzjoni preċedenti ma kienx ukoll possibbli li wieħed jipproċedi skont l-istess termini, għalkemm dan kien possibbli biss abbażi ta' awtorizzazzjoni li kellha titqies bħala impliċita skont is-sistema stabbilita fl-Artikoli 23 u 24 tar-Regolament Nru 4253/88 [22].

85. Anki l-Qorti tal-Ġustizzja stess waslet sabiex tikkunsidra dan meta kkonkludiet li l-linji gwida stabbiliti fid-dokument tal-Kummissjoni tal-15 ta' Ottubru 1997, bit-titolu "Korrezzjonijiet finanzjarji netti fil-kuntest tal-applikazzjoni tal-Artikolu 24 tar-Regolament (KEE) Nru 4253/88" [23], u applikati fil-kwistjonijiet li jikkonċernaw lilna hawnhekk, jistabbilixxu li "il-linji ġenerali li abbażi tagħhom il-Kummissjoni bi ħsiebha, skont l-Artikolu 24[...] tadotta deċiżjonijiet individwali li l-legalità tagħhom tkun tista' tiġi kkontestata mill-Istat Membru kkonċernat quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja" [24]. Il-punti 5 u 6 ta' dak id-dokument jirreferu b'mod espliċitu għall-korrezzjonijiet finanzjarji f'każijiet ta' irregolaritajiet li juru n-nuqqasijiet sistematiċi fil-ġestjoni, il-kontroll jew il-verifika. Irregolaritajiet li r-riskju tagħhom, minħabba l-istess natura tan-nuqqasijiet li juru, jistgħu jiġu kkwantifikati biss permezz tal-metodu ta' estrapolazzjoni.

86. Rigward dan, ma tistax issir oġġezzjoni li b'dan il-mod il-Kummissjoni, iktar milli tinterpreta s-setgħa mogħtija lilha skont l-Artikolu 24(2) tar-Regolament Nru 4253/88, hija tattribwixxi lilha nfisha setgħa li fil-fatt l-artikolu ma jagħtihiex u għalhekk, għal darb'oħra fil-kliem tal-Qorti tal-Ġustizzja meta tirreferi għal-linji gwida inklużi fid-dokument "Korrezzjonijiet finanzjarji", "xejn ma jipprekludi lill-Kummissjoni, sabiex tassumi kompletament is-setgħa msemmija fil-paragrafu preċedenti [25], milli tadotta linji gwida interni dwar il-korrezzjonijiet finanzjarji fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-Artikolu 24 tar-Regolament ta' koordinazzjoni u milli tagħti lid-dipartimenti kkonċernati l-kompitu biex japplikawhom" [26].

22 — Fis-sentenza tagħha tat-22 ta' Jannar 2004, COPPI (C-271/01, Ġabra p. I-1029), punt 41, il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li, minkejja li l-Artikolu 23(1), tar-Regolament Nru 4253/88 "ma jipprovdix b'mod espliċitu r-revoka ta' għajnuna finanzjarja tal-FAEGG minn Stat Membru […], din id-dispożizzjoni kienet tibqa' mingħajr effett kieku Stat Membru ma kienx jista' jadotta hu stess dawn il-miżuri". Ir-raġuni li tiġġustifika din is-setgħa impliċita tal-Artikolu 23(1), favur l-Istati Membri tinkludi wkoll, fl-opinjoni tiegħi, setgħa tal-istess sens tal-Artikolu 24(1), favur il-Kummissjoni fil-każ tal-irregolaritajiet li ma ġewx korretti mill-Istati Membri *ex* Artikolu 23(1) tal-imsemmi regolament.

23 — C(97) 3151 final – II.

24 — Sentenza Spanja vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, punt 33.

25 — Dan ifisser, dik li, skont l-Artikolu 24(2), tawtorizza lill-Kummissjoni "tnaqqas jew tissospendi l-għajnuna għall-azzjoni jew għall-miżura konċernata jekk l-eżaminazzjoni tikkonferma l-eżistenza ta' irregolarità jew bidla sostanzjali li taffettwa n-natura jew il-kundizzjonijiet tal-implementazzjoni tal-azzjoni jew tal-miżura u li għaliha approvazzjoni tal-Kummissjoni ma tkunx ġiet akkwistata". Sentenza Spanja vs Il-Kummissjoni, punt 30.

26 — Sentenza Spanja vs Il-Kummissjoni, iċċitata, punt 31.

87. Barra minn hekk, id-differenzi bejn il-mudell applikabbli għall-perijodu 2000-2006 u dak inkwistjoni f'din il-kawża ma humiex sinjifikanti f'dak li jikkonċerna wieħed mill-iktar aspetti sensittivi tal-kwistjoni, jiġifieri, il-possibbiltà li l-Istati Membri jiddefendu d-drittijiet u l-interessi tagħhom.

88. Fil-fatt, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja għandha raġun meta ssostni li s-sistema tar-Regolament Nru 1260/99 tiżgura li l-Istat Membru jkollu l-opportunità li jippreżenta osservazzjonijiet u jorganizza laqgħat mal-Kummissjoni meta ma jkunx jaqbel mal-osservazzjonijiet ippreżentati minn din tal-aħħar, sabiex b'hekk iż-żewġ partijiet ikunu obbligati jagħmlu sforz sabiex jilħqu ftehim "bi spirtu ta' kooperazzjoni bbażat fuq is-sħubija" (it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 39(2)). Madankollu, din il-garanzija ma hijiex eskluża mill-Artikolu 24 tar-Regolament Nru 4253/88, li l-ewwel paragrafu tiegħu jirreferi għal eżami xieraq tal-każ mill-Kummissjoni "fil-kuntest tal-kooperazzjoni" u bbażat fuq l-osservazzjonijiet ippreżentati mill-Istat Membru. Hekk ġara fiż-żewġ każijiet li huma s-suġġett ta' dawn il-proċeduri, b'mod li ma jista' jitqajjem l-ebda suspett ta' ksur tad-drittijiet ta' difiża mill-awtoritajiet nazzjonali rigward il-*modus operandi* tal-Kummissjoni.

89. Għandu jingħad ukoll li l-*modus* operandi tal-Kummissjoni kien iggwidat mil-linji gwida stabbiliti fl-imsemmija "korrezzjonijiet finanzjarji netti" ta' rikonoxximent pubbliku u li fir-rigward tagħhom il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li "jgħinu biex jiżguraw li, meta l-Kummissjoni tieħu deċiżjonijiet skont din id-dispożizzjoni, l-Istati Membri jew il-korpi maħtura minnhom jirċievu, f'sitwazzjonijiet paragunabbli, l-istess trattament [...] [u] jistgħu jsaħħu t-trasparenza tad-deċiżjonijiet individwali indirizzati lill-Istati Membri"[27].Dawn jindikaw, fil-qosor, kif iddikjarajt qabel, "il-linji ġenerali li abbażi tagħhom il-Kummissjoni bi ħsiebha, skont l-Artikolu 24 [...], tadotta deċiżjonijiet individwali li l-legalità tagħhom tkun tista' tiġi kkontestata mill-Istat Membru kkonċernat quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja"[28], b'tali mod li, finalment, ma għandux ibati d-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva tal-Istat Membru kkonċernat.

90. Fl-opinjoni tiegħi, għalhekk, il-Qorti Ġenerali ma żbaljatx meta qalet li "[t-]telf finanzjarju sostnut mill-baġit tal-Unjoni [...] għandu jiġi korrett fl-intier tiegħu peress li kull nuqqas ta' eżekuzzjoni tikkostitwixxi ksur tal-prinċipju ta' amministrazzjoni finanzjarja tajba, li l-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jirrispettaw bis-saħħa tal-Artikolu 274 KE. Għalhekk, il-Kummissjoni għandha tkun tista' tnaqqas l-għajnuna f'miżura li tirrifletti d-daqs tal-irregolarità li tkun stabbiliet fil-kuntest tal-proċeduri kontradittorji skont l-Artikolu 24(1) tar-Regolament Nru 4253/88"[29]

91. Lanqas ma żbaljat meta ddikjarat li permezz ta' riflessjoni fuq it-tnaqqis tad-dimensjoni sistematika tal-irregolaritajiet li nstabu, u b'kunsiderazzjoni li "l-Kummissjoni ma għandhiex informazzjoni dwar l-kontrolli kollha mwettqa mill-Istat Membru [...] [,] l-użu tal-metodu tal-estrapolazzjoni jirrappreżenta l-iktar mezz xieraq biex jiġu żgurati l-għanijiet imfittxija mill-Artikolu 24(2) tar-Regolament Nru 4253/88"[30].

92. Fil-fatt, sa fejn il-Kummissjoni ma twettaqx hi stess il-kontroll finanzjarju tal-għajnuna, u lanqas ma jkollha l-informazzjoni kollha dwar il-kontrolli kollha mwettqa mill-awtoritajiet nazzjonali, iżda tkun obbligata, madankollu, li tiżgura l-integrità tar-riżorsi baġitarji tal-Unjoni, huwa ċar li tkun tista' tissodisfa dan l-obbligu biss jekk tuża metodu li, bħall-estrapolazzjoni, jippermetti l-projezzjoni fuq l-għajnuna kollha tar-riżultati miksuba permezz tal-kontrolli selettivi li l-Kummissjoni għandha r-responsabbiltà biex twettaq. Fi kliem ieħor, in-natura neċessarjament parzjali u selettiva tal-kontrolli mwettqa mill-Kummissjoni għandha tkun tikkorrispondi għal metodu ta' korrezzjoni ta' dik in-natura. Bil-kunsiderazzjoni, kif se jintwera iktar 'il quddiem, li dan il-metodu għandu jiġi applikat permezz tal-garanziji xierqa rigward l-affidabbiltà tal-projezzjoni tar-riżultati tagħhom fuq l-għajnuna kollha.

27 — Sentenza Spanja vs Il-Kummissjoni, iċċitata, punt 32.

28 — Sentenza Spanja vs Il-Kummissjoni, iċċitata, punt 33.

29 — Sentenza appellata fil-Kawża C-549/12, punt 91; fl-istess sens, il-punt 101 tas-sentenza appellata fil-Kawża C-54/13.

30 — Sentenza appellata fil-Kawża C-549/12, punt 95; fl-istess sens, il-punt 106 tas-sentenza appellata fil-Kawża C-54/13.

93. Il-kwistjoni issa hija li għandu jiġi stabbilit jekk, wara li l-adattabbiltà tal-metodu ta' estrapolazzjoni ġiet aċċettata bħala kwistjoni ta' prinċipju sabiex isiru korrezzjonijiet finanzjarji rigward il-FEŻR, l-applikazzjoni tagħha għal dawn il-każijiet saritx b'mod konformi skont il-liġi.

2. Fuq l-applikazzjoni tal-metodu ta' estrapolazzjoni fil-kawżi prinċipali

94. Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja ssostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta kkunsidrat li l-korrezzjonijiet imwettqa f'kull każ mill-metodu ta' estrapolazzjoni kienu korretti.

a) Kawża C-549/12

95. Rigward is-sentenza appellata fil-Kawża C-549/12, l-awtoritajiet Ġermaniżi jallegaw li l-Kummissjoni, minħabba n-nuqqas ta' ħsara għall-baġit tal-Unjoni, kellha tiċħad l-inklużjoni b'mod żbaljat tal-proġetti individwali, li l-estrapolazzjoni tagħhom kellha l-effett ta' kumpens żejjed favur l-Unjoni u li hija kontra l-prinċipju ta' proporzjonalità. Min-naħa l-oħra, skont il-Gvern Ġermaniż, il-Kummissjoni ma kellhiex tissepara ruħha, mingħajr motivazzjoni ċara u dettaljata, mill-opinjoni tal-Qorti tal-Awdituri rigward in-natura mhux sistematika ta' ċerti irregolaritajiet.

96. Fir-rigward tal-ewwel wieħed miż-żewġ akkużi, wieħed għandu jinnota li, kif huwa spjegat fil-punti 51 sa 53 tas-sentenza appellata, il-ħames proġetti li l-inklużjoni tagħhom, skont il-Gvern Ġermaniż ma pproduċiet ebda ħsara lill-baġit tal-Unjoni setgħu ġew issussidjati taħt il-miżura 1.1, iżda fil-fatt ġew indebitament issussidjati skont il-miżura 2.1, minkejja li kien skada l-perjodu ta' żmien li fih setgħet tinbidel l-allokazzjoni tal-proġetti minn miżura waħda għall-oħra.

97. Ċertament, fil-punt 52 tas-sentenza appellata huwa stabbilit li "l-eżistenza ta' dawn l-irregolaritajiet hija biżżejjed sabiex timponi korrezzjoni finanzjarja, mingħajr mal-baġit Komunitarju għandu jsofri dannu finanzjarju preċiż". Dan ma jfissirx neċessarjament li l-Qorti Ġenerali kienet ikkunsidrat li f'dan il-każ ma kienet saret ebda ħsara konkreta. Fil-fatt, fil-punt 50 jintqal li proġett partikolari (Tralag Landmaschinen) bbenefika indebitament minn finanzjament addizzjonali ta' 15 %. L-erba' proġetti l-oħrajn setgħu ġew issussidjati li kieku kienu attribwiti għall-miżura 1.1, iżda ma setgħux jiġu ssussidjati taħt il-miżura 2.1, skont liema kienu, madankollu, suġġetti għal sussidju. Din l-irregolarità wasslet sabiex jiġu ffinanzjati proġetti li, eliġibbli għal sussidju b'mod astratt, setgħu jingħataw dan b'mod konkret biss li kieku kkonformaw ma' ċerti kundizzjonijiet partikolari imposti mill-Unjoni u li l-Istat Membru kien obbligat li jiżgura li jiġu osservati. Fl-opinjoni tiegħi, dan ifisser li saret ħsara ċara fil-baġit Komunitarju, li minnu ġew issussidjati proġetti li ma kinux jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti għal dan l-iskop.

98. Fi kwalunkwe każ, jekk wieħed jistqarr li l-proġetti mressqa mill-Gvern Ġermaniż ma kinux wasslu għal ħsara finanzjarja konkreta, dan ma jfissirx li ma jistgħux ikunu s-suġġett ta' estrapolazzjoni. Il-mira tal-estrapolazzjoni ma hijiex, kif tistabbilixxi r-Repubblika Federali tal-Ġermanja, l-impatt finanzjarju ta' irregolarità, iżda l-istess irregolarità bħala tali. Il-proġetti inkwistjoni jista' jkun li ma pproduċewx effett finanzjarju speċifiku, iżda kollha ġarrbu irregolarità serja, jiġifieri, li ma kinux SMEs u li ma ssodisfawx, għalhekk, waħda mill-kundizzjonijiet ewlenin tas-sussidju.

99. Naqbel, għaldaqstant, mal-Qorti Ġenerali meta fil-punt 66 tas-sentenza appellata kkonkludiet li "il-kalkoli żbaljati li jirrigwardaw impriżi li ma humiex SME huma sistematiċi għaliex jirriflettu *nuqqas ta' ġestjoni, ta' kontroll jew ta' verifika, li mmanifestat ruħha ripetutament u li bi probabbiltà kbira tinsab f'serje ta' każijiet simili* [31]. Għalhekk il-Kummissjoni ġustament ikkwalifikat il-kalkoli żbaljati dwar impriżi li ma humiex SME bħala irregolaritajiet sistematiċi".

31 — Enfasi miżjuda.

100. F'dan ir-rigward nikkunsidra wkoll li l-Kummissjoni ma kinitx marbuta bl-opinjoni tal-Qorti tal-Awdituri, għalhekk, skont il-punt 65 tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali, "mill-ifformular tal-Artikolu 24 tar-Regolament Nru 4253/88 ma jirriżultax li fl-eżerċizzju tas-setgħat tagħha mogħtija minn dan l-artikolu, il-Kummissjoni hija marbuta mal-osservazzjonijiet tal-korp ta' kontroll. Għall-kuntrarju, hija tista' tagħti l-evalwazzjoni tagħha tal-irregolaritajiet ikkonstatati. Għalhekk, id-deċiżjoni kkontestata tirrifletti l-evalwazzjoni tal-Kummissjoni u mhux dik tal-Qorti tal-Awdituri".

101. Barra minn hekk, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja ma tikkontestax strettament ir-rigorożità tal-verifika mwettqa mill-Kummissjoni, iżda tikkuntesta biss ir-rappreżentattività tal-kampjun użat, li, fil-fehma tagħha, kellhom jiġu eskluži minnu l-irregolaritajiet li nstabu fil-proġetti, li , fl-opinjoni tagħha wkoll, ma kkawżaw ebda ħsara għall-baġit tal-Unjoni. Apparti din iċ-ċirkustanza — li, flimkien mal-Qorti Ġenerali, inqis li hija irrilevanti —, il-Gvern Ġermaniż ma naqqasx mill-mertu ta' verifika, li abbaži ta' kampjun rappreżentattiv suffiċjenti, stabbilixxiet irregolarità li tista' tiġi kklassifikata b'mod raġonevoli bħala sistematika u, bħala tali, jiġu estrapolati l-proġetti kollha ssussidjati. Ġustament sa fejn tkun ġiet estrapolata irregolarità li nstabet permezz ta' kampjun rappreżentattiv suffiċjenti, huwa evidenti li, minħabba n-natura tiegħu, ir-riżultat tal-estrapolazzjoni bilfors irid ikun proporzjonat.

b) Kawża C-54/13

102. Fir-rigward tas-sentenza li hija s-suġġett tal-Kawża C-54/13, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja lmentat żball ta' liġi tal-Qorti Ġenerali meta kkonfermat li ċerti żbalji relatati ma' fatti konkreti u dubjużi ġew ikkunsidrati bħala irregolaritajiet sistematiċi, kif ukoll meta aċċettat l-użu ta' proċedura ta' kampjunar inadegwata, bi ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità minħabba kumpens żejjed tat-telf finanzjarju effettivament sostnut mill-Unjoni.

103. F'dan il-punt, inqis li huwa meħtieġ li jiġi osservat li l-limiti xierqa tal-appell ma jippermettux lill-Qorti tal-Ġustizzja tikkunsidra mill-ġdid l-evalwazzjoni tal-fatti mwettqa mill-Qorti Ġenerali jekk l-appellant jopponi biss id-diskrepanza partikolari tagħhom f'dan ir-rigward [32].

104. Il-fatti li l-Gvern Ġermaniż iqis bħala dubjużi (il-proġetti Nru 8 u Nru 20) ma humiex tali għall-Kummissjoni, u lanqas ma kienu kkunsidrati bħala tali mill-Qorti Ġenerali stess, li, fi kwalunkwe każ, kkunsidrathom flimkien ma' fatti oħra sabiex tikkonkludi, b'mod motivat, li kienu jiċċertifikaw sett ta' irregolaritajiet sistematiċi suxxettibbli għal estrapolazzjoni. Ma naħsibx li, f'dawn iċ-ċirkustanzi, l-appell huwa rimedju xieraq għar-risposta tal-partijiet.

105. F'dak li jirrigwarda l-adegwatezza tal-proċedura tal-kampjun użat f'dan il-każ, wara li tirrepeti li, minħabba l-ġestjoni tal-fondi hija kondiviża, l-Unjoni tista' biss twettaq kontrolli dettaljati, billi tuża tekniki ta' stħarriġ, il-Kummissjoni targumenta li f'dan il-każ intużat teknika rikonoxxuta internazzjonalment, jiġifieri l-metodu MUS ("monetary unit sampling"), li, applikat għal għażla ta' 36 operazzjoni (li jirrappreżentaw 32.3 % tal-ispejjeż iddikjarati fil-kuntest tal-intervent inkwistjoni), jipprovdi kampjun rappreżentattiv biżżejjed biex jippermetti estrapolazzjoni xierqa għal operazzjonijiet oħra kkofinanzjati.

106. Il-Qorti Ġenerali qablet mal-opinjoni tal-Kummissjoni fil-punti 113 sa 115 tas-sentenza appellata, filwaqt li enfasizzat barra minn hekk, li l-metodu inkwistjoni ġie prodott *ex ante* għall-finijiet tal-verifiki ta' għeluq tal-programmi kofinanzjati mill-FEŻR matul il-perijodu ta' programmazzjoni 1994-1999 u ġie applikat għall-verifiki kollha mwettqa fl-Istati Membri kollha, b'tali mod li ġie żgurat li kollha kemm huma rċevew l-istess trattament.

107. Fl-opinjoni tiegħi, il-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex tirrevedi din l-evalwazzjoni, motivata u raġonevoli, tal-Qorti Ġenerali.

32 — F'dan is-sens, għal kollha, is-sentenza tas-6 ta' Novembru 2012, Éditions Odile Jacob vs Il-Kummissjoni, C-551/10 P, punt 85.

C – *It-tielet aggravju tal-appell C-54/13*

108. Permezz ta' dan l-aggravju r-Repubblika Federali tal-Ġermanja ssostni, għal darb'oħra, li l-Artikolu 24(2) tar-Regolament Nru 4253/88 jawtorizza korrezzjonijiet biss fil-każ ta' irregolaritajiet konkreti u speċifiċi, li jeskludi l-korrezzjonijiet imħallsa f'daqqa, li huma fihom infushom impreċiżi u bbażati fuq irregolaritajiet potenzjali.

109. Madankollu, huwa minnu li, kif issostni l-Kummissjoni, il-linji gwida interni tal-15 ta' Ottubru 1997 jirreferu espressament, fil-punt 7, għall-korrezzjonijiet imħallsa f'daqqa bħala metodu meħtieġ sabiex jiġu kkoreġuti "ċerti tipi ta' irregolaritajiet li ma jkollhomx valur finanzjarju speċifiku". Fi kwalunkwe każ, u għar-raġunijiet mogħtija insostenn taċ-ċaħda tal-aggravji preċedenti, jiena nemmen li lanqas dan l-ilment ma għandu jiġi milqugħ, abbażi tal-premessa li t-tieni paragrafu tal-Artikolu 24 tar-Regolament Nru 4253/88 jippermetti biss il-korrezzjoni ta' irregolaritajiet speċifiċi.

110. Finalment, f'dak li jirrigwarda n-natura allegatament sproporzjonata tal-korrezzjonijiet tal-Kummissjoni, nemmen li l-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali fil-punti 128 sa 134 tas-sentenza appellata ma jwasslux għal żball ta' liġi li jista' jwassal għal reviżjoni fil-kuntest ta' proċedura ta' appell.

111. Għalhekk, fl-opinjoni tiegħi, dan l-aggravju għandu jiġi miċħud.

D – *Ir-raba' aggravju tal-appell C-54/13*

112. Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja ssostni, finalment, li l-Qorti Ġenerali ma mmotivatx ir-rifjut tal-argumenti tagħha dwar l-illegalità tal-korrezzjonijiet finanzjarji mħallsa f'daqqa.

113. Kif allegat il-Kummissjoni, ir-risposta għaż-żewġ kwistjonijiet tinsab fil-punti 95 sa 108 u 128 sa 134 tas-sentenza appellata.

114. Fil-fatt, wara li fil-punt 84 tas-sentenza tagħha tispjega li l-awtoritajiet Ġermaniżi sostnew li f'dak il-każ ma huwiex xieraq l-użu ta' korrezzjonijiet finanzjarji mħallsa f'daqqa u l-estrapolazzjoni tagħhom, il-Qorti Ġenerali twieġeb fil-punt 96 li l-Artikolu 24(2) tar-Regolament Nru 4253/88 jagħti lill-Kummissjoni "s-setgħa li tnaqqas kif ukoll diskrezzjoni wiesgħa [...], mingħajr ma jissemmgħu limiti dwar l-għażla tal-metodi li [...], tista' tuża sabiex tiddetermina l-ammont tat-tnaqqis". Dan ir-riferiment għal-libertà tal-għażla tal-metodi jfisser li, għall-Qorti Ġenerali, huwa f'dan l-artikolu li nsibu l-bażi legali rilevanti għall-użu mill-Kummissjoni tal-metodu użat konkretament fil-kawża prinċipali.

115. Ċertament, il-Qorti Ġenerali mbagħad toqgħod lura, fil-punti 97 sa 108, milli teżamina l-metodu ta' estrapolazzjoni. Iżda dan ma jfissirx li evitat il-kwistjoni tal-metodu tal-korrezzjonijiet imħallsa f'daqqa. Pjuttost għall-kuntrarju, isir riferiment għalihom fil-punti 128 sa 134.

116. F'dan il-kuntest, huwa ċar, fl-opinjoni tiegħi, li l-kwistjoni diskussa ma kinitx il-legalità tal-metodu ta' ħlas f'daqqa iżda dik tan-nuqqas ta' proporzjonalità fl-effetti tiegħu f'dan il-każ. Din il-kwistjoni ġiet solvuta mill-Qorti Ġenerali f'termini li jistgħu jkunu kondiviżi jew le, iżda li ma jistax jitqies li ma humiex motivati. Għalhekk, fl-opinjoni tiegħi, dan l-aggravju għandu jiġi miċħud ukoll.

VII – **Spejjeż**

117. B'mod konformi mal-Artikolu 138(1) u l-Artikolu 140(1) tar-Regoli tal-Proċedura, li japplikaw għall-proċedura ta' appell skont l-Artikolu 184(1) tal-istess regoli, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja li tikkundanna lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja tħallas l-ispejjeż u li r-Renju ta' Spanja u r-Repubblika Franċiża jħallsu l-ispejjeż tagħhom.

VIII – **Konklużjoni**

118. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nissuġġerixxi lill-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

1) Tiċħad l-appelli.

2) Tikkundanna lir-Repubblika Federali Ġermaniża għall-ispejjeż.

3) Tordna lir-Renju ta' Spanja u lir-Repubblika Franċiża jħallsu l-ispejjeż tagħhom.